MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Numru. 427/2012

**SPETTUR RODERICK AGIUS**
**SPETTUR JOSEPH AGIUS**
**VS**
**EMANUEL GALEA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Emanuel Galea ta' 38 sena, bin Joseph u Nicolina nee' Aquilina, mwieled 29 ta' Novembru 1974, residenti Merci, Triq it- Tabib Nikol Zammit, Siggiewi u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 5675M;

Talli ;
1) Bejn il- 15 ta' April 2011 u s- 16 ta' April 2011 mill- parking area tal- Marsa Race Course u f' dawn il- Gzejjer ikkommetta serq ta' vettura tal- ghamla Bedord Heavy Goods Vehicle bin- numru tar- registrazzjoni HAB 151 ghad- detriment ta' Josef Muscat liema serq hu

aggravat bix- xora tal- haga misruqa u bil- valur li huwa aktar minn €232.94;
2) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta wara li huaw ga gie misjub hati permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill- Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Josef Muscat kien proprjetarju ta' vettura HAB 151 li kienet mitluqa u abbandunata fil-parking fejn il-korsa taz-zwiemel il-Marsa. Jidher li din il-vettura ittiehdet minn persuna, wara li kienet ilha diversi xhur mitluqa hemm, wara li l-imputat qal lil din il-persuna biex jehodha. Ma giex indikat li l-imputat rcieva xi hlas ghal dak li ghamel. B'hekk saret din il-kawza.

Mill-provi prodotti jidher b'mod lampanti li l-elementi tar-reat ta' serq huma ghal kollox nieqsa. Apparti li kien evidenti li l-vettura setghet titqies bhala 'res derelicta' bl-istat li kienet tinsab fiha, izda l-imputat huwa estraneju ghal kollox ghal kif graw l-affarjiet. Apparti minn hekk, kien evidenti ukoll li l-istess Josef Muscat, debitament imharrek ghal diversi drabi sabiex jixhed f'din il-kawza, naqas milli jidher. Sahansitra ghall-ahhar zewg seduti, addirittura siefer lejn Sqallija hekk kif ircieva t-tahrika biex jixhed, u baqa' imsiefer u ma rritornax lura fid-data li kellu jirritorna. Muscat ghamel sforz kwazi straordinarju biex ma jixhedx f'din il-kawza, u minghajr ix-xiehda tieghu din il-Qorti ma kellha ebda prova kontra l-imputat. Apparti minn hekk, il-provi l-ohra prodotti mill-Prosekuzzjoni wkoll jezimu lill-imputat minn kull htija w piena. Ghalhekk, fl-sfond ta' dan kollu, l-imputat ser jigi liberat minn din l-akkuza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 267 u 271(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------